# It-Tlieta u Tletin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Għalikom titla' x-xemx tal-ġustizzja.*

Mal 3, 19-20a

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Malakija**

19 Ara, jiġi l-Jum, jaqbad qisu forn, u l-kburin kollha u dawk kollha li
jagħmlu l-ħażen ikunu tiben, u l-jum li ġej għad jaħraqhom, jgħid
il-Mulej tal-eżerċti: hekk li ma jħallilhom la għerq u lanqas fergħa.

20 Imma għalikom li tibżgħu minn ismi titla' x-xemx tal-ġustizzja,
bis-salvazzjoni fuq ġwenħajha.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 97 (98), 5-6.7-8.9a.9bċ

R/. (ara 9): Il-Mulej jagħmel ħaqq mill-popli

5Għannu lill-Mulej biċ-ċetra,
biċ-ċetra u bil-ħlewwa tal-għana,
6bit-trombi u bid-daqq tat-trumbetti;
għajtu bil-ferħ quddiem il-Mulej is-sultan! R/.

7Ħa jriegħed il-baħar u kulma fih,
id-dinja u kulma jgħammar fiha.
8Ħa jċapċpu x-xmajjar idejhom,
u l-muntanji flimkien jgħajtu bil-ferħ
9quddiem il-Mulej. R/.

Għax il-Mulej ġej
biex jagħmel ħaqq mill-art;
hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja,
u mill-popli bis-sewwa. R/.





## Qari II

***Jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas ma għandu jiekol.***

2 Tess 3, 7-12

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lit-Tessalonikin**

Ħuti, intom stess tafu kif jeħtieġ li timxu fuq l-eżempju tagħna. Aħna
ma tgħażżinniex meta konna fostkom; 8il-ħobż li kilna, ħadd ma
tahulna b'xejn; imma lejl u nhar ħdimna u tħabatna u batejna biex ma
nkunu ta' piż għal ħadd minnkom.

9Imxejna hekk mhux għax ma għandniex dritt li żżommuna intom,
imma ridna nagħtukom eżempju biex timxu fuqu. 10Meta konna
fostkom aħna ordnajnielkom li jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan
anqas ma għandu jiekol.

11Issa aħna smajna li hemm xi wħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu;
mhumiex jaħdmu, imma qed jinħlew fix-xejn. 12Lil dawn in-nies
nordnawlhom u nwissuhom, f'isem il-Mulej Ġesù Kristu, biex
jaħdmu sewwa u għajxienhom jaqilgħuh.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lq 21, 28

Hallelujah. R/. Hallelujah
Qawwu qalbkom u erfgħu raskom,
għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

*Jekk tibqgħu sħaħ sal-aħħar issalvaw ħajjitkom.*

Lq 21, 5-19

### Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

F'dak iż-żmien, [5]kien hemm xi wħud li bdew jgħidu fuq kemm
it-tempju kien imżejjen b'ġebel sabiħ u għotjiet; iżda Ġesù qalilhom:
[6]«Kulma qegħdin taraw, għad jiġi żmien li ma tibqax ġebla fuq oħra
minnu li ma tiġġarrafx.»

[7]U huma staqsewh u qalulu: «Mgħallem, issa dan meta għad jiġri?
U x'se jkun is-sinjal li dawn il-ħwejjeġ ikunu waslu biex iseħħu?»
[8]Qalilhom: «Araw li ma titqarrqux. Għax għad jiġu ħafna f'ismi u
jgħidu: "Jien hu," u: "Iż-żmien wasal." Tmorrux warajhom! [9]Meta
tisimgħu min jitkellem fuq gwerer u taqlib fil-pajjiżi, tinħasdux għax
jeħtieġ li l-ewwel jiġri dan, iżda t-tmiem ma jasalx minnufih.»

[10]Imbagħad qalilhom: «Għad iqum ġens kontra ġens u saltna kontra
saltna, [11]l-art titheżżeż bil-kbir, f'ħafna bnadi jkun hemm il-ġuħ u
mard li jittieħed, u fis-sema jidhru ħwejjeġ tal-biża' u sinjali
tal-għaġeb.

[12]Imma qabel dan kollu jixħtu jdejhom fuqkom u jippersegwitawkom,
jagħtukom f'idejn il-mexxejja tas-sinagoga u jitfgħukom il-ħabs,
u jeħdukom quddiem slaten u gvernaturi minħabba f'ismi. [13]Dan
ikun jiswielkom biex tistgħu tagħtu xhieda. [14]U żommu sewwa
f'moħħkom: toqogħdux taħsbu minn qabel kif se tiddefendu ruħkom,
[15]għax jien nagħtikom kliem u għerf li kull min ikun kontra tagħkom
ma jkunx jista' jiqaflu jew imerih.





[16]U jittradukom saħansitra l-ġenituri tagħkom u ħutkom u qrabatkom
u ħbiebkom, u lil xi wħud minnkom joqtluhom, [17]u kulħadd isir
jobgħodkom minħabba f'ismi. [18]Imma xagħra waħda minn raskom
ma tintilifx. [19]Jekk tibqgħu sħaħ sal-aħħar issalvaw ħajjitkom!»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu